MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Numru. 369/2002

Il-Pulizija
(Spettur Paul Camilleri)
vs
Ronnie Muscat

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Ronnie Muscat, detentur tal-karta ta' l-identita numru 56279(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'Novembru 2001 u fix-xhur ta' qabel kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li iforni d-droga imsemmija, u meta ma kienx b'xi mod ieor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga

imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imesmmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fil-11 ta' Jannar 2002 ghall-habta tal-12.30 p.m. fil-Floriana ikkommetta serq ta' radio casette tal-marka Kenwood li l-valur tieghu huwa LM 89, minn Jeep numru tar-registrazzjoni HAB 419 tal-marka Suzuki Samurai ghad-dannu ta' Chaterine Balzan mill-Birgu u dan bi ksur tal-artikoli 261 (b) (g), 263 (a) u 271 (g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement xtara jew laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-vettura fuq imsemmija, propjeta tal-istess Catherine Balzan, liema hsara hija ta' aktar minn LM 10 (ghaxar Lira Maltija), izda mhux aktar minn LM 50 (hamsin lira Maltin) ghad-dannu tal-istess Catherine Balzan u dan bi ksur tal-Artiklu 325 (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli b'hekk sar recidiv b'sentenza li saret definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Lulju 2000 (Mag. Dr Anton Mizzi LL.D.) u talli kiser il-providimenti tal-Artikolu 9 tal-Kap. 152 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta' Novembru, 2000 (Magistrat Dr Noel Cuschieri LL.D.);

Rat l-ordni tal-Avukat Generali tat-3 ta' Mejju, 2002 li biha bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 ordna illi l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti tal-

Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi kollha kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza;

Semghet lill-imputat iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-imputat, debitament assistit, volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-20 ta’ Jannar ta’ din is-sena;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena.

Taqta u tiddeciedi billi, fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, issibu hati tal-istess imputazzjonijiet kollha, u dana wara illi rat ir-Raba u s-Sitt Taqsima tal-Kap. 101, ir-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi, Notifikazzjoni tal-Gvern 292 tal-1939 u l-Artikoli 261, 263, 271, 334, 17, 325 (c), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija matul l-investigazzjoni taghha, kif ukoll il-fatt illi d-derubata giet ikkumpensata totalment mill-imputat ghall-hsarat kollha li sofriet fil-vettura taghha, kif ukoll il-fatt illi l-pulizija tawha lura l-istereo misruq. Izda, minkejja dan il-fatt, il-Qorti, minn ezami tal-fedina penali tal-imputat, rat illi dana l-imputat inghata diversi opportunitajiet mill-Qrati taghna sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba, izda huwa baqa’ ghaddej bil-hajja kriminali tieghu.

Illi irrizulta wkoll mill-atti, u senjatament mix-xhieda ta’ Karm Borg ghall-Caritas, illi l-imputat ma werihiex

bizzejjed determinazzjoni u rieda tajba sabiex jibda programm ghar-riabilitazzjoni mid-droga. Il-Qorti rat ukoll illi l-hati huwa recidiv u kiser ukoll il-provvedimenti tal-Kapitolu 152 ghal darbtejn, kif jirrizulta mill-akkuzi.

Ghaldaqstant, il-Qorti tara illi piena karcerarja hija il-piena adegwata ghal dan ir-reat. Il-Qorti rat ukoll l-Artikoli 9 u 10 tal-Kap. 152. Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 23 tal-Kap. 446, kif ukoll l-Artikoli 278, 31 u 20 tal-Kap. 9. Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti tikkundanna lill-imputat, misjub hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu kif diga' intqal, ghall-multa ta' mitejn lira (LM 200) u ghall-prigunerija ta' sentejn.

Il-Qorti tordna illi ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-hati ghamel taht arrest preventiv minn din il-piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------